# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# Decizjoni Numru 1951

**Kaz Numru 2496DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Louis Camilleri**

**u**

**Arrow Express Limited**
**(C32127)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Illum il-Hamis 25 ta' Gunju 2009**

**1. Riferenza**

Wara li l-Qorti ta' l-Appell (sedenti l-Onorevoli Imhallef Philip Sciberras) laqghet l-appell li ghamel ir-rikorrent, Appell Civili Numru 6/2008, dan il-kaz gie riferit lura lit-Tribunal Industrijali ghal konsiderazzjoni u decizjoni rigwardanti l-kumpens dovut lir-rikorrent skond l-Artiklu 81(2) tal-Kapitlu 452 .

**2. Rapprezentanza**

2.1 *Arrow Express Limited*, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Nicholas Zammit assistit mill-Avukat Andrew Zammit.

2.2 Lewis Camilleri, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien irrapprezentat mill-Avukat David Camilleri.

**3. Xhieda**

**Louis Camilleri** ikkonferma li hu

3.1 kien impjegat mal-kumpanija intimata bejn 01.03.06 u 15.02.07 fuq kuntratt whole-time ghal zmien indefinit.

3.2 kellu paga basika mensili ta' €868.86 (Lm373).

3.3 ghandu 50 sena

3.4 minn meta spicca mill-impjieg minn mal-kumpanija intimata dejjem irregistra ghax-xoghol mal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig, izda qatt ma rnexxielu jikseb impjieg.

3.1 qed jitlob li jinghata l-kumpens mitlub fil-mandat ta' sekwestru.

**4. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat David Camilleri f'isem ir-rikorrent stqarr li:

- il-kumpens kif dikjarat fil-mandat ta' sekwestru jirrifletti l-kumpens moghti mit-Tribunal Industrijali f'tilwim li jixbah lil dan il-kaz.
- biex jasal ghal kumpens gust, it-Tribunal Industrijali ghandu jaghti kunsiderazzjoni tal-fatti segwenti, u cioe li:
    - ir-rikorrent ghandu 50 sena u allura ser isibha difficli jikseb impjieg alteranttiv.
    - jidher li l-kumpanija intimata tkellmet ma kumpaniji kompetitrici biex ma joffrux impjieg lir-rikorrent
    - il-kawza li wasslet ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent kienet talba illecita minn klijent.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz rigwardanti l-kumpens, l-Avukat Andrew Zammit f'isem il-kumpanija intimata stqarr li:

- ir-rikorrent naqas li jispjega xjentifikament il-pretensjoni tieghu ghall-ammont ta' €15,000 kumpens kif dikjarat fil-mandat ta' sekwestru u sostnut waqt it-trattazzjoni.
- kif jirrizulta mill-*employment history* tar-rikorrent li tmur lura sa l-1997, id-diffikulta tieghu biex isib impjieg alternattiv mhiex unikament attribwibbli lejn l-eta' tieghu.
- l-ammont ta' kumpens mitlub mir-rikorrent jammonta ghal sbatax -il xahar paga u hu esagerat.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrent, u t-trattazzjoni ta' l-Avukati David Camilleri u Andrew Zammit dwar il-kumpens, jordna lill-kumpanija intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' Sitt elef disa' mija u hamsin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€6,950.88) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir fi tliet pagamenti ndaqs u konsekuttivi kull xahar, bl-ewwel pagament isir nhar l-1 ta' Awwissu 2009.

B'hekk jintemm definittivament dan il-kaz.

________________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**